MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Numru 1/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**JASON CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason Camilleri ta’ 25 sena, iben Gaetano u Jane xebba Difesa, imwieled Pieta’ nhar 15 ta’ Settembru 1984, residenti 18, Qormi Road, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 453784(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Awissu 2009, u fis-snin precedenti, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompa lil *Ommissis A* minuri ta' taht l-eta' liema reat sar meta l-istess minuri giet fdata lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jindukraha jew izommha;
2. fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' l-istess imsemmija minorenni ta' taht l-eta' cioe *Ommissis A*;
3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' cioe *Ommissis A*;
4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil persuna u l-familjari taghha u residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna involuti u l-familjari taghhom ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni fuq l-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputat kif fuq indikata wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni b'inkoraggiment f'korruzzjoni ta' minorenni, partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' minorenni u offiza tal-pudur b'eghmil li sar f'lok pubbliku. L-imputat ammetta ghall-ewwel u r-raba akkuza u cioe l-akkuza ta' korruzzjoni tal-minorenni u dik ta' l-offiza kontra l-pudur jew morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku.

Illi fil-mori tal-kawza, il-genituri tal-minuri *Ommissis A* irrinunzjaw ghal dak kollu rinunzjabbli u dana il-ghaliex l-imputat kien il-persuna illi nebbah lilhom u lil Pulizija b'informazzjoni dwar persuna avvanzat fiz-zmien illi, allegatament, kien ilu jikkorrompi l-istess minuri ghal zmien konsiderevoli. Dan gie pienament korroborat mill-Prosekuzzjoni, li nfurmaw lil Qorti, illi fil-fatt ittiehdu passi kontra din it-terza persuna, liema proceduri jinstabu quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Illi, di piu', l-istqarrija ta' l-imputat (Dok.RA) hija ammissjoni piena ta' l-akkuzi migjuba kontra l-imputat fejn l-istess imputat ammetta illi kellu kongungiment karnali pien ma' l-istess minuri u dana b'mod ripetut.

Illi minkejja r-rinunzja da parti tal-genituri, siccome l-akkuzi dedotti kontra l-imputat saru fil-pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku, ir-rinunzja da parti tal-genituri ma tistultifikax l-akkuzi ai termini, l-Ewwel Proviso ta' l-Artikolu 544 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn, f'dawn ic-cirkostanzi, l-azzjoni titmexxa ndipendentement mill-kwerela tal-parti civili.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Jason Camilleri, hati ta' l-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tieni

(2) u t-tielet (3) akkuza u wara li rat Artikoli 18, 203, 203A u 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ ta’ l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-ko-operazzjoni shiha ma’ l-Ufficjali tal-Pulizija, mil-liema ko-operazzjoni, l-istess Pulizija pprocedew kriminalment kontra terz; ir-rinunzja piena da parti tal-genituri tal-minuri u l-eta’ zaghzugha tal-minuri illi kienet ghalqet *ommissis* (*ommissis*)-il sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------